**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 57 – 13 ta' Marzu 2012**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda 57. Il-laqgħa bdiet fis-6.40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |

Pubbliku: Għal-laqgħa kien hemm preżenti is-sur Paul Bugeja, l-*accountant* tal-Kunsill, Dr. Massimo Ellul, il-Marketing & Events co-ordinator tal-Kunsill. Kien hemm preżenti is-sur Robert Tabone u s-sur Salvu Borg.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

Is-Sindku Alfred Grixti talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex punt numru 5 tal-aġenda jiġi diskuss l-ewwel ħalli l-*accountant* tal-Kunsill ma jinżammx għal-laqgħa sħiħa għal xejn. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi-Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (167)

## 5. APPROVAZZJONI ESTIMI FINANZJARJI 2011

5.1. Il-Kunsill daħal fi stadju ta' kumitat sabiex l-*accountant* tal-Kunsill jagħti spjegazzjoni tal-estimi finanzjarji. Il-laqgħa ġiet sospiża fis-6.45pm.

5.2. Il-laqgħa tkompliet fis-7.15pm.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li wara l-ispjega tal-*accountant* joħroġ biċ-ċar li l-posizzjoni finanzjarja tal-Kunsill tirrifletti n-numru sostanzjali ta' proġetti kapitali li l-Kunsill daħal għalihom. Is-Sindku spjega wkoll li n-natura tal-ftehim fuq il-ħlasijiet li sar mal-kuntratturi li qegħdin jaħdmu fuq dawn il-proġetti kien ifisser li l-Kunsill kien se jaqsam dawn il-piżijiet finanzjarji fuq numru ta' snin.

5.4. Il-Kunsilliera Dominic Cutajar u George Cortis ikkummentaw li jifhmu li dawn il-proġetti kienu qed joħolqu ċerta piż fuq il-Kunsill iżda wieħed irid iħares lejn il-benefiċċji fit-tul li kien se jkun hemm bħal iffrankar ta' flus fuq patching.

5.5. Il-Viċi-Sindku Duncan Bartolo talab li jkun jaf x' azzjonijiet hemm ippjanati sabiex tiġi ndirizzata s-sitwazzjoni finanzjarja.

5.6. Is-Sindku Alfred Grixti qal li numru ta' spejjeż li kien hemm fl-2011 kienu spiża ta' darba minħabba avvenimenti partikolari bħall-konferenza ta' Dun Karm u l-miġja tal-Urna ta' San Filep.

5.7. Is-Sindku qal li huwa jħoss li għandhom jittieħdu nurmu ta' miżuri sabiex il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill tiġi monitored b' aktar attenzjoni fid-dawl tal-proġetti kapitali li l-Kunsill għandu. Bħala l-ewwel pass huwa kien qiegħed iressaq mozzjoni sabiex jibdew jiġu preżentati *management* accounts wara kull *financial quarter*. Huwa ġie sekondat mill-kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi-Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (168)

5.8. Is-Sindku Alfred Grixti qal li s-Segretarju Eżekuttiv u l-Accountant tal-Kunsill iridu jagħmlu eżerċizzju fejn jiġu identifikati l-*cost centres* tal-Kunsill u mbagħad jibda xogħol ta' moniteraġġ fuqhom sabiex dawn l-ispejjeż jiġu kontrollati jew imnaqqsa. Huwa ġie sekondat mill-Viċi-Sindku Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi-Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (169)

5.9. Is-Sindku Alfred Grixti talab li fid-dawl ta' dawn il-miżuri li ġew approvati mill-Kunsill u fid-dawl tar-rapport ippreżentat mill-*accountant* tal-Kunsill huwa kien qiegħed jipproponi li l-estimi finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2011 jiġu approvati mill-Kunsill. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi-Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (170)

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kien hemm minuti ta' tlett laqgħat x' jiġu approvati; tal-laqgħa tas-7 ta' Frar 2012, tal-1 ta' Marzu 2012 u tas-6 ta' Marzu 2012.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti tal-laqgħa tas-7 ta' Frar 2012 jiġu approvati hekk kif ippreżentati. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi-Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. Il-minuti tas-7 ta' Frar 2012, ġew approvati (171).

1.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti tal-laqgħa tal-1 ta' Marzu 2012 jiġu approvati hekk kif ippreżentati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi-Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. Il-minuti tal-1 ta' Marzu 2012, ġew approvati (172).

1.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti tal-laqgħa tas-6 ta' Marzu 2012 jiġu approvati hekk kif ippreżentati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi-Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. Il-minuti tal-1 ta' Marzu 2012, ġew approvati (173).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1.1. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf xi żviluppi kien hemm fuq il-kwistjoni tal-periti tal-Kunsill. Huwa talab li jkun jaf jekk il-preżenza tal-perit fejn kienu għaddejin il-proġetti kienitx żdiedet, u jekk kienitx saret il-laqgħa li kellha ssir mal-perit Buhagiar. Il-Kunsillier Cortis kompla jemfasizza li kien qiegħed jerġa iqajjem din il-kwistjoni in vista tad-diversi ilmenti li kien qiegħed jirċievi u li anki kienu spiċċaw f' sezzjoni tal-midja u ma kienux

ġew miċħuda. Apparti hekk, il-Kunsillier Corits sostna li l-Kunsill kellu kull dritt li jistenna li jingħata is-serivzz li kien iħallas għalih.

2.1.2. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li kienet ġiet organizzata laqgħa mal-perit Buhagiar is-Sibt filgħodu, dakinhar li kienu jagħlqu n-nomini għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, fl-10.30 a.m. Il-perit kien ġie fil-11.15 a.m. allavolja s-Sindku kien qallu li ma setax idum minħabba impneji oħra relatati mal-istess elezzjoni, allura l-laqgħa tħassret. Is-Sindku kompla jgħid li huwa ma kienx kuntent xejn bl-iskambji ta' emails regolari bejn il-perit Godwin Agius u l-perit Stuart Azzopardi. Dawn l-emails kienu qed juru attitudni xi ftit jew wisq ostili min-naħa tal-perit Agius lejn il-perit Azzopardi u, fil-fehma tas-Sindku, dan ma kienx qed jgħin biex ikun hemm armonija fuq il-lant tal-proġett ta' Vjal il-Ħelsien. Apparti hekk l-attendenza fuq il-proġetti ma tjiebet xejn, għalkemm riċentament kien qiegħed ikun preżenti *junior architect* tal-kumpanija Med-Design Consultants li jirraporta lill-perit Agius.

2.1.3. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal episodju relatat mal-pavimentar fejn il-perit Agius ried iwaqqaf ix-xogħol għax ma kienx approva d-disinni tal-pavimentar iżda dawn id-disinni kienu ġew approvati mis-Sindku stess għax kien daħal iż-żmien biex issir l-ordni peress li d-disinni li ppropona l-perit Agius kienu kollha djagonali b' riżultat li kien se jkun hemm ħafna ħela ta' madum minħabba l-ġonot.

2.1.4. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza wkoll għall-każ tat-toroq Abraham Gatt u Gulliermo Lorenzi fejn għalkemm waqt laqgħa apposta l-perit ġie avżat bil-problema relatata mal-livelli tat-triq ix-xogħol baqa' għaddej mingħajr ma kien preżenti l-perit b' konsegwenza li l-overflow ta' ċerti residenti ġie taħt il-livelli tat-triq.

2.1.5. Il-Kunsillier George Cortis qal li s-Sibt tal-elezzjoni waqt li kien fi Triq l-Isqof Caruana huwa seta' jara b' għajnejh il-kwalità ħażina tax-xogħolijiet. Huwa qal li dan mhux aċċettabli għax il-perit hu responsabli daqs il-kuntrattur minħabba n-nuqqas ta' sorveljanza fuq ix-xogħol.

2.1.6. Il-Kunsillier Philip Said qal li minħabba f' hekk il-Kunsilliera qegħdin jiġu esposti għal kritika u kummenti xejn sbieħ mir-residenti. F' moħħ in-nies il-Kunsilliera huma responsabli mhux il-periti u ma hux sew li l-Periti tal-Kunsill ma jkunux preżenti regolari fuq il-lantijiet tax-xogħol meta posthom huwa li jaraw li x-xogħol ikun qed isir sewwa.

2.1.7. Il-Kunsillier Dominic Cutajar qal li fejn hemm ix-xogħolijiet għaddejin kien hemm ħafna tgergir min-naħa tar-residenti. Il-Kunsillier Dominic Cutajar qal li fl-opinjoni tiegħu l-perit Agius wera li mhux kapaċi biżżejjed u wara kollox il-Kunsill kumpanija ta' periti qabbad u mhux perit wieħed u bħalma jiġri f' tim tal-futbol, jekk xi ħadd juri li mhux kapaċi dan jinbidel. Għalhekk huwa kien qiegħed jitlob li l-perit Agius jitneħħa minn fuq il-proġetti tal-Kunsill.

2.1.8. Wara diskussjoni, il-Kunsillier Dominic Cutajar ressaq mozzjoni sabiex tinħareġ *default notice* fil-konfront ta' Med Design Associates in vista tat-tgergir tar-residenti għax-xogħol li qiegħed isir u anke fid-dawl tan-nuqqas ta' sorveljanza u l-kwalità fqira ta' xi xogħolijiet. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Mary Vassallo La Rosa. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi-Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (174)

2.2. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li hekk kif miftiehem sar *patching* ta' emerġenza fiż-żona tal-Grazzja sakemm il-Kunsill ilesti l-proċess tat-*tenders* ġodda u jinbdew ix-xogħolijiet.

2.3. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għall-applikazzjoni tal-Kunsill għal fondi tal- *Urban Improvement Fund* (UIF). Is-Sindku spjega li anke f' dan il-każ il-perit Agius kien ħa l-pożizzjoni li l-applikazzjoni kienitx se tiġi approvata qabel l-elezzjoni tal-Kunsill u għalhekk ma kienx ta prijorità. Minkejja dan, kompla s-Sindku, il-Kunsill baqa' jsus wara l-MEPA u dak li l-perit ma rnexxilux jagħmel, għamlu s-Segretarju Eżekuttiv.

2.4. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għall-kxif tal-monument tal-vittmi tan-nar u qal li din l-attività rnexxiet u kienet suċċess. Huwa rringrazzja lill-Kunsillier George Cortis tal-ħidma u l-impenn tiegħu. Il-Kunsillier George Cortis qal li l-familjari tal-vittmi apprezzaw ħafna u anke ż-Żebbuġin preżenti. Il-Kunsillier Cortis ippropona li darba f' sena ssir quddies għal ruħ dawn il-vittmi.

2.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li hekk kif kien wiegħed fil-laqgħa tal-Kunsill huwa żamm il-wegħdha tiegħu u nforma lill-kunsilliera kollha biż-żjara ta' Dr. Joseph Muscat. Is-Sindku qal wkoll li kien kuntent ħafna bil-preżenza tal-Kunsillier Philip Said.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressaq l-ebda item ta' korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

4.2. Il-Kunsillier Philip Said ikkummenta li jekk kien possibli xtaq li l-Kunsill b' mod uffiċjali jneħħi l-perċezzjoni żbaljata li l-pubblikazzjoni Ċittà Rohan ġiet tiswa ħafna flus lill-Kunsill.

4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li oriġinarjament il-Kunsill kellu l-ħsieb u approva li jsir DVD bil-ħidma tal-Kunsill iżda wara li kien hemm sejħa għall-offerti, ġie deċiż li dan ma kienx vijabbli u għalhekk saret il-pubblikazzjoni. Is-Segretarju spjega wkoll li din il-pubblikazzjoni mhux se tiswa flus lill-Kunsill għax l-ispejjeż tagħha se jiġu koperti minn sponsorships li nġabru. Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra li l-Kunsill irċieva mingħand Ritemix (Gatt Bros Ltd.) fejn dawn qegħdin jagħtu sponsorship ta' €15,000 lill-Kunsill sabiex juża dawn il-fondi għal kwalunkwe inizjattiva li jidhirlu l-Kunsill, bħala forma ta' kumpens għall-inkonvenjenti li jistgħu jinħolqu minħabba l-proġett ta' Vjal il-Ħelsien. Il-Kunsillier Philip Said wieġeb li kien kuntent li din l-ittra ġiet pubblikata u dan kien sinjal ieħor tat-trasparenza li l-Kunsill dejjem mexa biha u din l-ittra xxejjen il-ħafna diskors inġust li kien qiegħed issir sabiex tiġi oskurata l-ħidma tal-Kunsill.

4.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-pagamenti jiġu approvati hekk kif mressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi-Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (175)

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA JEKK MEQJUSA URĠENTI

6.1. Ma tressqu l-ebda punti għad-diskussjoni.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal data li trid tiġi deċiża. Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |